**Parlament Ewropew**

2014-2019

7.9.2015 0042/2015

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-investiment fit-tfal

**Antonio López-Istúriz White (PPE), Anna Maria Corazza Bildt (PPE), Caterina Chinnici (S&D), Jean Lambert (Verts/ALE), Julie Ward (S&D), Gabriele Zimmer (GUE/NGL), Mairead McGuinness (PPE), Jana Žitňanská (ECR), Filiz Hyusmenova (ALDE), Vilija Blinkevičiūtė (S&D), Nathalie Griesbeck (ALDE)**

Data ta' skadenza: 7.12.2015

**0042/2015**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar l-investiment fit-tfal[1]**

1. Wieħed minn kull ħamsa tal-popolazzjoni totali tal-UE huwa taħt 18-il sena.

2. It-tfal u ż-żgħażagħ huma affettwati mill-faqar b'mod sproporzjonat. Anki qabel il-kriżi finanzjarja, il-livelli ta' faqar fost it-tfal kienu għolja b'mod mhux aċċettabbli. Minkejja l-impenji biex tissolva s-sitwazzjoni, aktar minn wieħed minn kull erbat itfal (27.7 %) issa qiegħed f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-UE.

3. Il-politiki makroekonomiċi jeħtieġu li jipproteġu lit-tfal u lill-familji tagħhom bħala prijorità politika u jiskansawhom mill-miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit.

4. Għalhekk il-Kummissjoni qiegħda tissejjaħ sabiex tikkunsidra l-inklużjoni ta' indikatur speċifiku u vinkolanti fuq in-numru ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fid-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

5. Għandha titlob ukoll li l-Istati Membri kollha jintroduċu (sotto)miri nazzjonali speċifiċi biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal, bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-mira tat-tnaqqis tal-faqar tal-Ewropa 2020.

6. Il-Kunsill qiegħed jissejjaħ biex iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-finanzjament mill-UE u kwalunkwe strument ieħor disponibbli sabiex jimplementaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 'Investiment fit-Tfal: Niksru ċ-Ċiklu tal-Iżvantaġġ'; u l-Kummissjoni għandha tfassal pjan direzzjonali u tadotta indikaturi tal-benesseri tat-tfal, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni.

7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, se jintbagħtu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Taħt l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri komponenti tal-Parlament, din tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.